Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 97/21**
il-Lussemburgu, 9 ta' Ġunju 2021

Sentenza fil-Kawża T-47/19
Dansk Erhverv vs Il-Kummissjoni

# Il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata li n-nuqqas ta' ġbir ta' depożitu fuq ċertu imballaġġ ta' xarbiet mibjugħa minn ħwienet transkonfinali Ġermaniżi lil klijenti ddomiċiljati fid-Danimarka ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat

*Il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tegħleb, fl-istadju tal-fażi preliminari, id-diffikultajiet serji ffaċċjati biex tiddetermina jekk in-nuqqas ta' ġbir tad-depożitu tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat*

Il-leġiżlazzjoni federali Ġermaniża "VerpackV" [1] tittrasponi d-Direttiva 94/62, dwar l-imballaġġ u l-iskart tal-imballaġġi [2]. Għal ċerti imballaġġi ta' xarbiet għall-użu ta' darba, din il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi sistema ta' depożitu, inkluża t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), li għandha tinġabar f'kull stadju tal-katina ta' distribuzzjoni sal-bejgħ lill-konsumatur finali, u l-ammont tagħha għandu jitħallas lura wara r-restituzzjoni tal-imballaġġ. In-nuqqas ta' ġbir ta' dan id-depożitu jkkostitwixxi ksur amministrattiv li jista' jiġi ssanzjonat b'multa ta' ammont massimu ta' EUR 100 000.

Skont il-qsim ta' kompetenzi previst bil-liġi fundamentali għal Ġermanja, l-implimentazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet reġjonali li huma f'pożizzjoni li japplikawha permezz ta' ordni amministrattiva jew billi jimponu multi. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet ta' Schleswig-Holstein u Mecklembourg-Vorpommern (il-Ġermanja) kienu stmaw li l-obbligu li jinġabar id-depożitu ma kienx japplika għall-ħwienet transkonfinali jekk ix-xarbiet jinbiegħu esklużivament lill-klijenti ddomiċiljati b'mod partikolari fid-Danimarka u jekk dawn jimpenjaw ruħhom bil-miktub (billi jiffirmaw dikjarazzjoni ta' esportazzjoni) li x-xarbiet jiġu kkunsmati u l-imballaġġ tagħhom jiġi eliminat barra mit-territorju Ġermaniż.

Peress li qieset li l-eżenzjoni milli jinġabar id-depożitu fuq l-imballaġġ ta' xarbiet għall-użu ta' darba kienet tammonta għall-għoti ta' għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern lil grupp ta' intrapriżi ta' bejgħ bl-imnut fit-Tramuntana tal-Ġermanja, Dansk Erhverv, assoċjazzjoni professjonali li tirrappreżenta l-interessi ta' impriżi Daniżi, ressqet ilment fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat quddiem il-Kummissjoni. Wara l-fażi preliminari tal-eżami, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li biha kkonstatat li l-miżuri kontenzjużi, jiġifieri n-nuqqas ta' ġbir ta' depożitu, in-nuqqas ta' ġbir tal-VAT relatata mad-depożitu u l-assenza ta' impożizzjoni ta' multa fuq l-impriżi li ma jiġbrux id-depożitu, ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE [3].

Fit-23 ta' Jannar 2019, Dansk Erhverv ippreżentat rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni. Fl-eżami ta' dan ir-rikors, il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tagħmel preċiżazzjonijiet importanti, minn naħa, fuq l-artikolazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar għajnuna mill-Istat mad-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt tal-Unjoni jew tad-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, fuq il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu, fil-qasam tal-multi, mill-eżistenza ta' diffikultajiet ta' interpretazzjoni ta' regola applikabbli fuq id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' riżors tal-Istat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

[1] Il-Verordnung über die Vermeidung und Verwertung von Verpackungsabfällen (Verpackungsverordnung) huwa digriet tal-21 ta' Awwissu 1998 dwar il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart tal-imballaġġi, (BGBl 1998 I, p. 2379).
[2] Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 13, p. 349).
[3] Deċiżjoni C(2018) 6315 finali tal-Kummissjoni, tal-4 ta' Ottubru 2018, dwar għajnuna mlll-Istat SA.44865 (2016/FC) – il-Ġermanja - Allegata għajnuna favur ħwienet ta' xorb li jinsabu fil-fruntiera Ġermaniża.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali tippreċiża sa fejn il-ksur tad-dispożizzjonijiet li ma humiex relatati mad-dritt tal-għajnuna mill-Istat jista' jiġi invokat b'mod utli għall-finijiet li tiġi stabbilita l-illegalità ta' deċiżjoni adottata fil-qasam mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, skont il-Qorti Ġenerali, għandha ssir distinzjoni skont jekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tirrigwardax il-kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq intern jew li tagħtix deċiżjoni fuq l-eżistenza ta' għajnuna. Għall-ewwel każ, peress li għajnuna li, permezz ta' wħud mill-modalitajiet tagħha, tikser dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat FUE ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, il-ksur minn miżura nazzjonali, ikklassifikata bħala għajnuna mill-Istat, ta' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat FUE minbarra dawk relatati mal-għajnuna mill-Istat jistgħu jiġu invokati effettivament sabiex tiġi kkontestata l-legalità ta' deċiżjoni li biha l-Kummissjoni tqis li tali għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern.

Min-naħa l-oħra, skont il-Qorti Ġenerali, dan ma jkunx l-istess fil-każ tad-deċiżjonijiet li jikkonstataw l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, ċertament, l-Artikolu 11 TFUE jipprovdi li l-ħtiġijiet tal-protezzjoni tal-ambjent għandhom jiġu integrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tal-Unjoni. Madankollu, tali integrazzjoni hija intiża li titwettaq fil-livell tal-eżami tal-kompatibbiltà ta' għajnuna u mhux tal-eżami tal-eżistenza tagħha. Peress li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' motiv ta' interess ġenerali hija ċirkustanza inoperanti fl-istadju tal-kwalifika ta' għajnuna mill-Istat, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li l-fatt li miżura nazzjonali tikser dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni minn dawk relatati mal-għajnuna mill-Istat ma tistax tiġi invokata effettivament, bħala tali, għall-finijiet li jiġi stabbilit li din il-miżura tkun għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, li jitqies li miżura nazzjonali, għaliex tikser dispożizzjonijiet oħra tat-trattati, tikkostitwixxi għajnuna għalkemm ma tissodisfax il-kundizzjonijiet espressament previsti minn din id-dispożizzjoni għall-finijiet li tiġi identifikata għajnuna, imur kontra l-formulazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

Skont il-Qorti Ġenerali, l-istess jgħodd, *a fortiori*, fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tad-dritt ta' Stat Membru. Fil-fatt, mil-ħtiġijiet kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jinkludu ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati s-sens u l-portata tagħhom għandhom normalment isibu, fl-Unjoni kollha, interpretazzjoni awtonoma u uniformi li għandha titfittex filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Issa, il-Qorti Ġenerali tikkonstata li ebda riferiment espress għad-dritt tal-Istati Membri ma huwa previst fl-Artikolu 107(1) TFUE. Barra minn hekk, mhijiex il-Kummissjoni, iżda l-qrati nazzjonali li għandhom ġurisdizzjoni li għandhom jistħarrġu l-legalità ta' miżuri nazzjonali fid-dawl tad-dritt intern. Issa, f'dan ir-rigward, jekk jiġi aċċettat li l-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt ta' Stat Membru għandu jwassal il-Kummissjoni tikkwalifika miżuri nazzjonali ta' għajnuna mill-Istat, din tista' titwassal tagħti deċiżjoni fuq il-legalità ta' dawn il-miżuri fid-dawl tad-dritt intern, bi ksur tal-ġurisdizzjoni tal-qrati nazzjonali.

B'hekk, il-Qorti Ġenerali **tiċħad l-allegazzjoni ta' Dansk Erherv li l-Kummissjoni kien imissha tieħu inkunsiderazzjoni l-obbligi li jaqgħu fuq il-Ġermanja taħt id-Direttiva 94/62, taħt il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, u taħt id-dritt Ġermaniż, sabiex teżamina jekk il-miżura ta' eżenzjoni tal-ġbir tad-depożitu kinitx għajnuna mill-Istat.**

Fit-tieni lok, fl-eżami tal-ilment li qal li l-Kummissjoni applikat kriterju legali ġdid, b'mod żbaljat, sabiex tevalwa jekk in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' multa kinitx tikkostitwixxi vantaġġ finanzjarju permezz tar-riżorsi tal-Istat, minħabba l-eżistenza ta' diffikultajiet ta' interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali tirrileva li, fil-każ inkwistjoni, in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' multa hija inseparabbli min-nuqqas ta' ġbir tad-depożitu u, għaldaqstant, mill-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ, aċċettata fil-prattika mill-awtoritajiet reġjonali Ġermaniżi kompetenti. Issa, tali kuntest ma jikkorrispondi ma' ebda mill-każijiet li sa dak il-waqt kienu ġew eżaminati mill-ġurisprudenza fil-qasam tal-multi.

F’dawn iċ-ċirkustanzi, skont il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ġustament ibbażat ruħha fuq kriterju legali ġdid, mislut mir-rabta bejn l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti u l-eżerċizzju tas-setgħa repressiva mill-awtoritajiet li jkollhom, sabiex jeżaminaw jekk in-nuqqas ta’ impożizzjoni ta’ multa tkunx setgħet titqies li kienet vantaġġ iffinanzjat permezz tar-riżorsi tal-Istat. Il-Kummissjoni ġustament ukoll qieset li d-diffikultajiet ta’ interpretazzjoni ta’ leġiżlazzjoni setgħu, bħala prinċipju, jeskludu li n-nuqqas ta’ impożizzjoni ta’ multa titqies li tkun eżenzjoni ta’ multa li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, is-sitwazzjoni li fiha jeżistu diffikultajiet ta’ interpretazzjoni tar-regola li l-ksur tagħha jista’ jiġi ssanzjonat mill-impożizzjoni ta’ multa tiddistingwi ruħha nettament, mill-perspettiva tal-vantaġġ inkwistjoni, minn dik li fiha l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li teżenta impriża mill-ħlas ta’ multa li jkollha ssostni bis-saħħa tal-leġiżlazzjoni. Fl-ewwel każ, bil-kontra ta’ dak li huwa fit-tieni, ma jeżistix ħlas pre-eżistenti. Fil-fatt, fid-dawl tal-portata inċerta tar-regola, l-eżistenza ta’ aġir ta’ ksur ma tidhirx ċara u s-sanzjoni ta’ tali aġir minn multa ma tidhirx għaldaqstant neċessarja u inevitabbli, f’tali sitwazzjoni ta’ inċertezza.

Madankollu l-Qorti Ġenerali tippreċiża li l-kriterju mislut mill-eżistenza ta’ diffikultajiet ta’ interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli japplika biss jekk dawn id-diffikultajiet ikunu temporanji u li huma jitniżżlu fi proċess ta’ kjarifika gradwali tar-regoli. Issa, il-Kummissjoni ma għamlitx riferiment għan-natura kemm temporanja u inerenti għall-kjarifika gradwali tar-regoli u tad-diffikultajiet ta’ interpretazzjoni, minkejja li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet għandhom jiġu ssodisfatti sabiex ikun possibbli li jitwassal għal konstatazzjoni ta’ assenza tar-riżorsi tal-Istat. F’dan ir-rigward, fil-konfront tan-natura temporanja tad-diffikultajiet possibbli ta’ interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni, il-Qorti Ġenerali tirrileva li **l-Kummissjoni ma kellha ebda ċirkustanza partikolari li tippermetti li tiġi ġġustifikata l-persistenza ta’ tali inċertezza mill-2005, saħansitra mill-2003. Barra minn hekk, fir-rigward tan-natura inerenti tal-kjarifika gradwali tar-regoli u tad-diffikultajiet ta’ interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni, huwa kkonstatat li ebda element tal-proċess ma jippermetti li jiġi konkluż li tali diffikultajiet kienu fil-proċess li jitwettqu.**

Konsegwentement, **il-Qorti Ġenerali tiġġudika li l-Kummissjoni wettqet żball tad-dritt billi kkonkludiet li l-kundizzjoni dwar ir-riżorsi tal-Istat ma kinux issodisfatti mingħajr ma jiġi eżaminat jekk id-diffikultajiet ta’ interpretazzjoni li hija kienet ibbażat fuqhom kienu temporanji u inerenti għall-kjarifika gradwali tar-regoli.** Din il-konstatazzjoni tikkostitwixxi indizju li jippermetti li jitqies li l-Kummissjoni ma kinitx f’miżura li tegħleb, fl-istadju ta’ din il-fażi preliminari, id-diffikultajiet serji kollha ffaċċjati sabiex jiġi ddeterminat jekk in-nuqqas ta’ ġbir tad-depożitu u l-assenza ta’ impożizzjoni ta’ multa kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. **Peress li indizji oħra ta’ diffikultajiet serji li l-Kummissjoni ma setgħetx tegħleb matul il-fażi preliminari ta’ eżami ġew identifikati, il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha.**

---

**NOTA:** Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat ghal kwistjonijiet ta’ dritt, jista’ jigi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Gustizzja f’terminu ta’ xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

**NOTA:** Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta’ istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, l-att jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq bl-annullament tal-att.

---


*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*



*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*